MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 245/2011

Adrian Sciberras (Id 224580M) ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Advanced Telecommunications Systems Co. Limited

Vs

Fabian Borg (Id 189477M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-konvenut kien xtara laptop minghand is-socjeta’ attrici fl-24 ta’ Novembru 2008 ghall-prezz ta’ €870, u li huwa naqas li jhallas il-bilanc tal-prezz. Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut u cioe s-somma ta’ tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€325.00) minghand il-konvenut. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici nomine u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€325.00). L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------